# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Numru Sitta u Tletin (36)

**7 ta' Lulju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Victor John Curmi - Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Aaron Agius – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

36.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku Aaron Agius li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-lum minħabba raġunijiet personali.

36.1.2 Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li l-Viċi Sindku għandu jiġi skużat.

**36.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-1 ta' Ġunju 2021**

36.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 34 li saret nhar it-Tlieta 1 ta' Ġunju 2021.

**36.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa b'urġenza tal-24 ta' Ġunju 2021**

36.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 35 li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021.

**36.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

36.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn. Dan ix-xogħol qed ikun iffinazjat mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-

xogħol tal-bdil tal-*main* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma f'din it-triq qed ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Is-Sindku qal li jinsab iddizappuntant hafna bl-andament tax-xoghlijiet kif ghaddejjin u saru diversi laqghat mal-kuntrattur u l-perit tieghu. Huwa qal li l-kuntrattur qed jinghata diversi xoghlijiet urgenti min-naha tal-Gvern Centrali u ghaldaqstant ix-xoghol fi Triq Marsalforn qed jaqa' lura.

Wara diskussjoni, fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li ghandna naghmlu laqgha mal-kuntrattur Victor Hili, il-Perit tiegħu Josmar Cassar, ic-*chief of staff* tal-Ministeru għal Għawdex Michael Buhagiar, id-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb u l-Perit Edward Scerri sabiex naraw kif ser jitkompla l-andament tax-xogħol. Dan peress li x-xogħol fi Triq Marsalforn qed ikun iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.

36.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-progett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid għal-lokalita' tagħna, qed nistennew il-permessi meħtieġa min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun jista' jiġi iffirmat il-kuntratt ta' finanzjament mal-Ministeru għal Għawdex u jinħarġu l-offerti pubbliċi għal dawn ix-xogħlijiet.

Is-Sindku qal li s-seduta li matulha ser tiġi deċiża l-applikazzjoni tagħna għal dan il-proġett ser issir b'mod virtwali nhar it-Tlieta 27 ta' Lulju 2021 u għaliha ser ikun preżenti l-Perit Edward Scerri.

36.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza numru 32 tal-Ġimgħa 21 ta' Mejju, ingħata bidu għall-proċess ta' ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill fi skala 13 wara r-riżenja tas-Sinjura Manolita Manicaro minn Uffiċjal Eżekuttiv. Dan qed isir wara li nġabet l-approvazzjoni neċessarja min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sindku qal li wara li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni minn persuni interessati f'din il-vakanza meta din is-sejħa ħarġet internament, qed nistennew lill-*JobsPlus* tibagħtilna l-lista ta' persuni li qegħdin jirreġistraw

fuq Part 1 u Part 2 u li għandhom il-kwalifiċi neċessarji sabiex inkunu nistgħu ninfurmawhom b'din il-vakanza.

36.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li rċieva diversi kummenti pożittivi mir-residenti wara li bdiet tiġi implimentata l-ewwel parti tal-*masterplan* għall-qalba tal-lokalita' tagħna nhar is-Sibt 12 ta' Ġunju 2021.

Is-Sindku qal li fadal tliet punti kritiċi fit-toroq li saru *one-way* u li qed joħolqu xi problemi ta' konġestjoni tat-traffiku. Dawn huma l-ewwel parti ta' Triq Ġnien Imrik, Triq Bullara kif toħroġ minn Triq l-Għar ta' Xerri u l-ewwel parti ta' Triq Bullara.

Fir-rigward tal-ewwel parti ta' Triq Ġnien Imrik, il-Kunsill qabel li għandhom isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar ta' madwar metru fl-aktar parti dejqa tat-triq u dan peress li xħin ikun hemm il-vetturi ipparkjati hemmhekk, il-karozzi tal-linja u trakkijiet kbar ma jkunux jistgħu jgħaddu faċilment.

Rigward Triq Bullara kif toħroġ minn Triq l-Għar ta' Xerri, il-Kunsill qabel li għandhom isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar minn nofs iċ-ċint li hemm f'dawn l-inħawi lejn in-naħa tal-lemin ta' Triq Bullara.

Rigward l-ewwel parti ta' Triq Bullara, il-Kunsill qabel li għandhom isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar mill-kantuniera ma' Triq Knisja sal-kantuniera mal-parti ta' isfel ta' Triq Spiera filwaqt li fuq in-naħa l-oħra tat-triq jerġgħu jinżebgħu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar eżistenti.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit irrileva problema li hemm preżentament fi Triq Jannar fil-parti l-aktar dejqa tat-triq. Wara konsultazzjoni mal-kumpanija EMDP li ħejjiet il-*masterplan* għall-qalba tal-lokalita' tagħna, il-Kunsill qabel li għandhom jitwalu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li preżentament jinsabu quddiem ir-residenza tas-Sur Joe Attard Tabone sabiex ilaħħqu sa fuq il-kaptelli li hemm fuq l-istess naħa tat-triq ftit 'l isfel mir-residenti tiegħu.

B'dan il-mod, karozzi u trakkijiet kbar ikunu jistgħu jgħaddu faċilment minn dawn iż-żoni fil-lokalita' tagħna issa li bdiet titħaddem is-sistema l-ġdida tal-*one ways* fil-lokalita' tagħna.

36.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li tinbidel is-sistema ta' CCTV *cameras* li tinsab fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Dan peress li din hija sistema antika u li m'għadhiex tiffunzjona minħabba ħsarat li ġarrbet waqt maltempata. Dan anke fid-dawl ta' diversi

Is-Sindku qal li tlabna kwotazzjoni mingħand il-kumpanija *Infotech Enterprises Limited* li tammonta għas-somma ta' € 5011.26c VAT inkluża. Peress li din is-somma taqa' fil-parametri ta' *direct order*, il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu.

Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li hemm bżonn ukoll li jitranġa urġentament it-*toilet* li jinsab fil-parti ta' fuq tal-istess *playing field* minħabba li jinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu laqgħa mal-Kumitat il-ġdid tax-*Xagħra United Football Club* dwar din il-materja.

36.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li rċieva diversi rapporti dwar l-istat ħażin ta' Triq San Marzjal minħabba li qed tkun tiżloq ħafna. Huwa qal li l-Perit Edward Scerri għamel żjara fuq din it-triq u qed jirrakkomanda li l-wiċċ tagħha jingħata *anti-skid material*.

Wara diskussjoni, Il-Kunsill qal li mill-aktar fis ghandha ssir xi tip ta' raffa bhalma saret ghal Triq Ghajn il-Gdida u Triq is-Sellum. Ser nigbru zewg kwotazzjonijiet minghand Vella Brothers u Peter Paul Said. F'każ li l-irħas kwotazzjoni tkun inqas minn € 5,000 VAT eskluża, il-Kunsill qabel li għandna nipproċedu b'dan ix-xogħol.

36.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li z-*zebra crossings* fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru gew approvati minn Transport Malta. Naghmlu laqgha mad-Direttur Elsie Caruana u l-inginiera Rose Debono Mercieca biex nassiguraw li dawn se jsiru bil-belischia lights.

36.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit qal li ghandna nergghu nfakkru lid-Direttur John Xuereb u lid-Direttur Elsie Caruana min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex sabiex titranga l-funtana fil-gnien pubbliku faccata tal-Mithna Ta’ Kola. Fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu nfakkru lid-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb mill-Ministeru għal Għawdex rigward il-possibilita’ li l-funtana li kien hemm fi Pjazza San Franġisk tiġi rilokata għall-ġnien quddiem il-Mitħna Ta’ Kola.

36.4.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-perijodu tal-appell fuq iż-żewġ offerti pubbliċi għall-installazzjoni ta’ dwal fil-belvedere tal-Qaċċa u l-manutenzjoni bis-siment tal-aħħar parti ta’ Triq Għajn Wajtar jagħlaq fis-16 ta’ Lulju 2021.

Fir-rigward tal-belvedere tal-Qaċċa, fuq suġġeriment tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Johann Camilleri sabiex jaghmel stima tal-livellar tiegħu qabel jiġu installati l-fanali l-ġodda.

**36.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

36.5.1 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar fiex waslu l-bozoz il-ġodda li kellhom jitwaħħlu f’diversi postijiet fix-Xagħra. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew mingħand il-kuntrattur Richard Cauchi.

36.5.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li tiġi rranġata l-*crash barrier* fil-bidu ta’ Vjal it-Tmienja ta’ Settembru. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu dan ix-xogħol lill-Ministeru għal Għawdex.

36.5.3 Il-Kunsillier Victor Curmi propona u l-Kunsill qabel li ghandna nibaghtu komunikazzjoni lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex il-passaggi li jghaddu ghal gol-Wied tar-Ramla minn fuq il-main road li huma f’forma ta’ planki jigu f’forma ta’ arkati biex ix-xoghol jidher pulit. Dan peress li bhalissa ghaddejjin dawn ix-xoghlijiet min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex b’fondi Ewropej.

36.5.4 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li ssir *crash barrier* fi Triq Għajn Ħosna. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.5.5 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-ħtieġa li ssir rampa tal-ħadid fi Pjazza l-Vitorja għall-użu tal-persuni li għandhom problemi ta' mobilita'. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-kuntrattur Lawrence Farrugia għal dan ix-xogħol.

36.5.6 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar f'hiex wasal il-proċess ta' devoluzzjoni tax-xelter tal-Gwerra fi Pjazza l-Vitorja. Is-Sindku wieġeb li għadna qed nistennew risposta mill-Awtorita' tal-Artijiet.

**36.6 Qari tal-Korrispondenza**

36.6.1 Ċirkulari numru 047/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kontroll tal-ħamiem selvaġġ fil-lokalitajiet'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.2 Skema maħruġa mill-Ministeru tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali flimkien mal-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali rigward l-ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunita' 'Steward' għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema.

34.6.3 E-mail mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala f'Malta rigward il-possibilita' li jsir *memorandum* ta' ftehim mal-Kunsilli Lokali li fih il-Kunsilli firmatarji jkunu qed jintrabtu li ma jneħħux il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju ta' kull sena bil-għan li titħares il-flora ta' pajjiżna. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu aktar informazzjoni dwar x'inhu klassifikat bħala 'passaġġ rurali'.

34.6.4 Ċirkulari numru 048/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.5 Ċirkulari numru SPI/APP/6/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Emendi fil-Proċess għall-Amministrazzjoni ta' Propjeta' Pubblika (Devoluzzjoni)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.6 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar l-*URBACT City Festival* li sar bejn il-15 u s-17 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.7 Ċirkulari numru 049/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Active Ageing Application Form – UPDATED'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.8 Ċirkulari numru 050/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Equalcity Toolbox Creating safe(r) spaces for LGBTQI+ people with a migrant background – IOM Belgium'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.9 E-mail mingħand George Mercieca, uffiċjal amministrattiv fi ħdan id-Direttorat tal-Patrimonju Kulturali, b'informazzjoni dwar esebizzjoni tal-wirt tanġibbli u intanġibbli ta' kull belt jew raħal f'Għawdex li ser tittella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali Għawdxin. Ser issir laqgħa nhar it-Tlieta 13 ta' Lulju 2021 fl-10.00am li għaliha ser ikunu preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

34.6.10 Ċirkulari numru 051/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Permessi għal armar ta' 'Big Screens' jew għal xi attivita' oħra'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.11 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed iressaq proposta tal-*Gozo Tourism Association* sabiex mis-Sajf 2022, Għawdex kollu jkun ikkunsidrat bħala destinazzjoni turistika u għaldaqstant ma jkunx jista' jsir xogħol ta' twaqqiegħ u skavar bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru ta' kull sena. Ir-Reġjun qed isaqsi dwar x'inhi l-pożizzjoni ta' kull Kunsill Lokali f'Għawdex dwar din il-proposta. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' din il-proposta.

34.6.12 Ċirkulari numru 052/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Social Field: Youth and Criminality 30/06/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.13 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, b'informazzjoni dwar l-Iskema Reġjonali tal-Librerija fil-Lokalita' għas-sena 2021. L-applikazzjonijiet iridu jiġu sottomessi lir-Reġjun Għawdex sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.14 Ċirkulari numru 053/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Together with refugees – share your messages for World Refugee Day – UNHCR Malta'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.15 Ċirkulari numru 054/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Servizz għall-Anzjani – Psychotherapy'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.16 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar sejħiet għall-Proġetti taħt il-Programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea CERV – Town Twinning / Network of Towns. Applikazzjonijiet jintlaqgħu sal-Ħamis 26 ta' Awwissu 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.17 Ċirkulari numru 055/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'World Blood Donor Day 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.18 Ċirkulari numru 056/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Allotment Gardening Proposal – Community Gardening'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.19 E-mail mir-Reġjun Għawdex b'informazzjoni dwar proposta mingħand Angelo Zerafa *Sales & Marketing Manager* għat-tqassim ta' ikliet lir-residenti fl-okkażjoni tal-festi titulari. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.20 Ċirkulari numru 057/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Temporary and reversible permit whereby catering

establishments will be allowed to use adjacent public space as an Outdoor Catering Area'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.21 Ċirkulari numru 059/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Proċess għad-Devoluzzjoni mill-Kunsilli Reġjonali / Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.22 E-mail mingħand Peter Sutton, residenti x-Xagħra, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex Triq Parisot tiġi inkluża mal-lista ta' toroq li fihom ma jistax isir xogħol ta' taħmil u skavar mill-15 ta' Settembru sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, b'ordni mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi ikkunsidrata fil-bidu tas-sena li ġejja.

34.6.23 E-mail mingħand Mark Formosa, Teżorier tax-*Xagħra United Football Club*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex (i) jinstalla *CCTV cameras* fil-*playing field* u fil-*football ground* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u (ii) jikkollabora mal-Kumitat tax-*Xagħra United Football Club* fix-xogħol ta' manutenzjoni li qed iwettqu fil-grawnd tal-futbol bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 500. Il-Kunsill approva din it-talba.

34.6.24 E-mail mis-SEM rigward sessjonijiet ta' konsultazzjoni pubblika dwar iż-żewġ dokumenti 'Malta's Low Carbon Development Strategy' u 'Green Paper Towards Cleaner Vehicles on our Roads'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.25 E-mail mingħand Elvin Borg, President tal-Għaqda 'Milied fix-Xagħra', sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jikkollabora ma' din l-Għaqda fil-proġett ta' Presepju u siġra tal-Milied ġdida fi Pjazza l-Vitorja. L-istima tal-proġett tal-Presepju tammonta għas-somma ta' € 26,800.

Il-Kunsillier Victor Curmi propona li għandna ninkarigaw artist lokali sabiex jipprepara disinn oriġinali għal xogħol ta' tiżjin tal-Milied fi Pjazza l-Vitorja, liema xogħol ikun iffinanzjat minna bħala Kunsill Lokali.

In viżta tad-diversi għaqdiet fir-raħal li jipproponu attivitajiet għal żmien il-Milied, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li

għandha tiġi ikkoordinata laqgħa bejn l-i*stackholders* kollha involuti fil-festi tal-Milied fix-Xagħra u l-Uffiċċju tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jiġu ippreżentati l-proposti kollha ħalli l-Ministeru jkun jista' jfassal il-*budget* tiegħu għal dawn l-inizjattivi tal-Milied fil-lokalita' tagħna.

Il-Kunsillier Stefan Bajada irtira mil-laqgħa fis-7.30pm.

34.6.26 E-mail mingħand Dr. Mario Saliba li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali Għawdxin bil-pubblikazzjoni ta' ktieb ġdid intitolat 'Ħajja u Mewt: Il-Mard u s-Saħħa f'Għawdex' (1910-1921). Il-Kunsill qabel li għandna nixtru kopja waħda ta' dan il-ktieb għal-librerija pubblika tagħna.

34.6.27 Ċirkulari numru 060/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'European Mobility Week 2021 – Competitions'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.28 E-mail mill-Federazzjoni Maltija għall-Persuni b'Diżabilita' b'informazzjoni dwar l-*Access City Award 2022*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.29 Ċirkulari numru 061/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Well being 360'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.30 Ċirkulari numru 062/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'INVITATION – Online Stakeholder information session on the BELLUS Call for Projects'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.31 Direttiva numru 2/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Contracts (Community Works) Managers'. Permezz ta' din id-Direttiva, il-Kunsilli Lokali Maltin u Għawdxin qed jiġu obbligati joħorġu sejħa għall-offerti għal servizz ta' *contracts manager*. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz.

34.6.32 Ċirkulari numru 058/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Tnedija tal-Proġett sabiex jiġi kkontrollat il-ħamiem fil-lokalitajiet 25.06.2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.33 E-mail mingħand Caroline Bezzina, residenta fi Triq Marsalforn, li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jinkludi lil Triq Marsalforn fil-lista ta' toroq li fihom ma jistax isir xogħol ta' skavar minħabba raġunijiet turistiċi bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru ta' kull sena. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi ikkunsidrata fil-bidu tas-sena li ġejja.

34.6.34 E-mail mingħand George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistieden lis-Sindki Għawdxin sabiex jattendu għaċ-ċerimonja ta' preżentazzjoni ta' kotba għal-libreriji lokali, liema ċerimonja ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Lulju 2021 fis-6.30pm f'lukanda ewlenija f'Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.35 Ittra legali mingħand Dr. Kevin Mompalao għan-nom tal-klijent tiegħu 'Ta' Mena Agri Limited' li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex immedjatament jieħu dawk il-passi kollha neċessarji u opportuni sabiex il-*meter* tad-dawl u l-ilma f'Ġgantija Kiosk, Triq l-Imqades, Xagħra Għawdex, jerġa' jeħel f'postu u fl-istess ħin il-Korporazzjoni Enemalta ukoll qed tiġi interpellata sabiex terġa' tqiegħed dan l-istess *meter* f'postu. Dan peress li skont Ta' Mena Agri Limited, dan il-*meter* kien inqala' xi snin ilu mill-Korporazzjoni Enemalta fuq talba tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil Dr. Larry Formosa sabiex jirrispondi din l-ittra għan-nom tagħna biex ngħidu li din il-materja għandha tiġi indirizzata lill-entita' kompetenti, jiġifieri l-Korporazzjoni *Enemalta* u l-ARMS.

34.6.36 E-mail mingħand is-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni b'numru ta' riferenza PA 03000/19 rigward il-ftuħ ta' triq ġdida mill-inħawi Tal-Kapuċċini, il-Belt Victoria. Is-Sur Fava qed jitlob lill-Kunsilli tal-Belt Victoria, Ix-Xagħra u Iż-Żebbuġ sabiex jinnominaw membru minnhom ħalli jipparteċipa f'dan is-smiegħ li ser isir nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021 b'mod virtwali. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria ghandu jkun involut f'din l-applikazzjoni.

34.6.37 E-mail mingħand is-Sur Anthony Saliba, *foreman* fit-Taqsima tat-*Trenching*, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra b'applikazzjoni għal xogħol ta' *trenching* li ser isir fl-ewwel parti ta' Triq Marsalforn għal żewġ *drainage house connections* u *water culvert*.

Il-Kunsill qed joġġezzjona għal dan ix-xogħol peress li ser jaffettwa l-ewwel parti ta' Triq Marsalforn fejn riċentament għadu kemm sar xogħol maġġuri ta' *resurfacing* mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

34.6.38 Ċirkulari numru 5A/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Politika għall-Gvern Lokali 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.39 Ċirkulari numru 64/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Important Update: RE: Notice: availability of the vaccine to asylum seekers and third country nationals'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.40 E-mail mingħand Josmar Azzopardi li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jipproponi lill-Ministeru għal Għawdex u lill-Ministeru tal-Ambjent l-involviment tiegħu fin-negozjati li għaddejjin bħalissa sabiex l-NGO Nature Trust Malta tieħu f'idejha l-immaniġġjar tal-bajja tar-Ramla l-Ħamra, liema xogħol kien isir sa ftit taż-żmien ilu mill-Fondazzjoni Gaia qabel ma ġie itterminat il-kuntratt tagħha.

Il-Kunsill qabel li ghandna niktbu lill-Ministeru tal-Ambjent sabiex ahna nkunu l-istakeholders principali fl-immaniġġjar tal-bajja tar-Ramla l-Ħamra.

34.6.41 E-mail mingħand Victor Borg li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex formalment joġġezzjona għall-applikazzjoni ta' żvilupp b'numru ta' riferenza PA/04352/2021 għal xogħol fi Triq Mikiel Farrugia. Il-perijodu ta' oġġezzjonijiet għal din l-applikazzjoni jagħlaq nhar il-Ħamis 8 ta' Lulju 2021.

Is-Sindku qal li hu favur li noggezzjonaw ghal din l-applikazzjoni peress li din tirrovina l-i*skyline* tal-Mithna u tal-Ggantija in vizta tal-fatt li qed jigi propost bini b'erba' sulari f'zona sensittiva fejn il-bini kollu eżistenti huwa ta' żewġ sulari. Il-Kunsillier Anthony Attard qal li din l-applikazzjoni qatt

ma messha resqet quddiem il-Kunsill u ghandha tkun l-Awtorita’ tal-Ippjanar li tiddeciedi dwar dan.

Wara diskussjoni, b’zewg voti favur u astensjoni wahda, il-Kunsill iddecieda li ghandu joggezzjona ghal din l-applikazzjoni.

34.6.42 Ċirkulari numru 63/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘Supporting individuals with disability – Mentor Aid Session 14/07/2021’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.43 E-mail mingħand Emma De Luca, President tal-Għaqda Mhux Governattiva ‘Voice for Children and Young People’, li fiha qed titlob laqgħa mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra rigward l-għanijiet ta’ din l-għaqda. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

34.6.44 Kwotazzjoni mingħand Ian Attard tal-*Infotech Enterprises Limited* għax-xogħol ta’ provvista u installazzjoni ta’ *CCTV cameras* fil-*playing field* ta’ Vjal it-Tmienja ta’ Settembru. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta’ € 5011.26c VAT inkluża.

Il-Kunsill aċċetta din il-kwotazzjoni in viżta li s-somma kwotata ma taqbiżx il-limitu ta’ *direct order* kif stipulat fir-Regolamenti Finanzjarji tal-Kunsilli Lokali.

34.6.45 Ċirkulari numru 65/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata ‘European Mobility Week – Webinar 05.07.2021 – Presentation’. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.46 E-mail mingħand Euchar Vella, Direttur Maniġerjali tal-kumpanija Karkanja Limited, li fiha qed jitlob laqgħa mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra rigward l-applikazzjoni b’numru ta’ riferenza PA 3554/20. Il-Kunsill aċċetta din it-talba. In viżta tas-sitwazzjoni attwali, din il-laqgħa ser issir b’mod virtwali aktar tard matul dan ix-xahar.

34.6.47 E-mail mingħand il-Perit Steve Scicluna li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jagħti n-*no objection* biex tiġi rilaxxata garanzija

bankarja għal xogħol ta' bankina fi Triq Ta' Karkar, ix-Xagħra Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti din in-*no objection*.

34.6.48 Direttiva numru 03/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Per Diem applikabbli għas-Sindki u Segretarji Eżekuttivi'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**36.7 Ilmenti mir-residenti**

36.7.1 Talba mingħand Benny Saliba sabiex isir il-livellar tas-sqaq fi Triq it-28 ta' April 1688 minħabba li jinsab fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Saliba sabiex jipprovdi dikjarazzjoni bil-miktub mid-Dipartiment tal-Artijiet li dak l-isqaq huwa pubbliku.

36.7.2 Talba mingħand Paul Said ta' Triq Ġnien Imrik sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.3 Talba mingħand Edwin Camilleri ta' Triq Ta' Brieret sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq Karkar u Triq Ta' Brieret peress li qed isir ipparkjar perikoluż ta' vetturi f'din iż-żona. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.4 Talba mingħand il-*Gozo Coaches Co-opeative* sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fl-ewwel parti ta' Triq Bullara, mill-kantuniera ma' Triq il-Knisja sal-kantuniera ma' Triq l-Ispiera, fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Dan peress li l-*hop-on-hop-off* u l-karozzi tal-linja qed ikollhom problema biex iduru għal Triq Bullara peress li l-ewwel parti ta' Triq Knisja ġiet *one-way* 'l isfel. Din il-materja diġa' ġiet diskussa aktar kmieni matul il-laqgħa.

36.7.5 Talba mingħand Silvio Masini ta' Triq Ta' Gajdoru sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tal-garaxxijiet tiegħu peress li t-triq hija dejqa u qed ikollu problema biex joħroġ mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.6 Talba mingħand Kelina Portelli ta’ Triq Bullara sabiex issir (i) 1.5m *Keep Clear* quddiem passaġġ li hemm maġenb ir-residenza tagħha u (ii) sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-parapett tar-residenza tagħha. Rigward (i), il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta. Rigward (ii), il-Kunsill qabel li ghandna nivverifikaw mar-residenta dwar x’qed titlob eżattament.

36.7.7 Talba mingħand Mary Rose Caruana ta’ Triq it-28 ta’ April 1688 sabiex din it-triq issir *one-way* għat-traffiku mill-aktar fis possibbli peress li hija triq dejqa ħafna. Il-Kunsill innota li s-sitwazzjoni fi Triq 28 ta’ April 1688 hija elenkata fil-*masterplan* li tħejja mill-kumpanija EMDP u ser tiġi implimentata fix-xhur li ġejjin.

36.7.8 Talba mingħand Sandra Mercieca sabiex Triq San Marzjal issir *one-way* ‘l isfel minħabba li hija triq dejqa u għax ma tippermettix li karozzi jitilgħu ‘l fuq minħabba l-istat tat-triq. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi ikkunsidrata aktar ‘il quddiem.

36.7.9 Talba mingħand Josephine Bajada ta’ Triq Sant’Anton sabiex issir *loading / unloading bay* fi Pjazza l-Vitorja quddiem il-ħanut ‘New York Style Salon’. Il-Kunsill qabel li ghandna niccekkjaw mal-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta dwar din it-talba.

36.7.10 Talba mingħand il-Kan. Dun Joseph Sultana sabiex fil-bidu ta’ Triq Marsalforn junction ma’ Triq it-Tiġrija jitpoġġew xi *speed humps* minħabba s-sewqan eżaġerat li qed ikun hemm f’din it-triq. Il-Kunsill innota li, skont il-*policies* il-ġodda ta’ Transport Malta, dawn l-i*speed humps* m’għadhomx jiġu approvata minħabba raġunijiet ta’ sigurta’.

36.7.11 Talba mingħand il-Grupp tal-Abbatini tal-Parroċċa sabiex terġa’ teħel il-ħadida ta’ protezzjoni li kien hemm fit-tieni bieb taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet fi Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

36.7.12 Talba mingħand Rita Sultana sabiex isir sinjal *Slow* fi Triq it-Tiġrija kantuniera ma’ Triq Vestru. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta’ Transport Malta.

36.7.13 Talba mingħand xi residenti sabiex jinbidlu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li hemm fil-kantuniera bejn Triq Jannar u Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono minħabba l-mod kif saret is-sistema l-ġdida tal-*one-ways*. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.14 Talba mingħand Alfred Refalo ta' Triq Għajn Qamar sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza ta' Ernesta Galea fi Triq it-Tiġrija għax diversi vetturi qed ikunu ipparkjati fuq is-*STOP sign* jew inkella issir mera li turi l-vetturi li jkunu telgħin minn Triq Marsalforn lejn Triq it-Tiġrija. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.15 Talba mingħand Grezzju Caruana ta' Triq Ġnien Imrik sabiex (i) jitwalu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li jinsabu fil-bidu ta' din it-triq u (ii) isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Triq Bullara faċċata ta' Triq l-Għar ta' Xerri. Dan peress li xħin ikun hemm il-vetturi ipparkjati hemmhekk, hu ma jkunx jista' jgħaddi bix-xarabanks u tinħoloq konġestjoni. Din it-talba diġa' ġiet approvata aktar kmieni matul din il-laqgħa.

36.7.16 Talba mingħand David Portelli ta' Triq Marsalforn sabiex isiru s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu peress li qed jipparkjaw il-vetturi hemmhekk u qed ikollu diffikulta' biex joħroġ il-vettura mill-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.17 Talba mingħand Darren Sultana ta' Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jqabbad il-Perit tiegħu ħalli jagħmel spezzjoni ta' din it-triq peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill qabel li din it-triq għandha tiġi inkluża fil-programm ta' xogħlijiet għax-xhur li ġejjin.

36.7.18 Talba mingħand l-Inġinier Alexander Aquilina ta' Triq Marsalforn sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jipprovdi servizz ta' *bowser* tal-ilma li jnaddaf it-triq mit-trabijiet li kontinwament qed jinġemgħu kawża tax-xogħlijiet li għaddejjin f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

36.7.19 Talba mingħand Pamela Riley ta' 63, Triq Jannar, sabiex issir *reserved parking bay* għad-*disabled* quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.20 Talba mingħand Tessie Spiteri ta' Triq Kumittiva sabiex issir *communal reserved parking bay* għad-*disabled* fi Triq Gajdoru kantuniera ma' Triq Kumittiva. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.21 Talba mingħand Emmanuel Sciberras ta' Triq Parisot sabiex il-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex inaddfu l-passaġġ li jwassal għall-bajja ta' Għajn Barrani fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

36.7.22 Talba mingħand Dominic Vella ta' Triq Ġwann Marija Camilleri sabiex it-tabella 'No Entry except for restaurant owners' li saret riċentament minn Transport Malta fl-inħawi tar-Ramla l-Ħamra issir biss għall-ħinijiet bejn l-10am u l-10pm. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.7.23 Talba mingħand Victoria Vella ta' 14A, Triq Ta' Ġorf, sabiex issir *communal reserved parking* għad-*disabled* quddiem ir-residenza tagħha minħabba li r-residenta għandha problemi ta' mobilita'. Il-Kunsill qabel li għandna nibagħtu din it-talba għall-konsiderazzjoni ta' Transport Malta sabiex issir *site inspection* u jiġi deċiż jekk hemmx lok ghal *communal reserved parking slot* f'din it-triq partikolari.

**36.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

36.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

36.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament.

**36.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

36.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fid-8.50pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgħa 4 ta' Awwissu 2021 fis-6.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |